



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Marzu 2024  
(OR. en)

7451/24

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2024/0052(NLE)**

AELE 17  
EEE 11  
ISL 10  
N 18  
FL 12  
PECHE 99

## PROPOSTA

|                   |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   |
|-------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         |
| data meta waslet: | 4 ta' Marzu 2024                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        |
| Nru dok. Cion:    | COM(2024) 97 final                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                |
| Suġġett:          | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja u l-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Iżlanda |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 97 final.

Mehmuż: COM(2024) 97 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 4.3.2024  
COM(2024) 97 final

2024/0052 (NLE)

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja u l-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Iżlanda**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ŻEE") jippermetti lill-Iżlanda, lill-Liechtenstein u lin-Norveġja ("l-Istati taż-ŻEE-EFTA") jipparteċipaw bis-sħiħ fis-suq uniku. Flimkien ma' dan, mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim fl-1994, dawn it-tliet pajjiżi kkontribwew ukoll biex itaffu d-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fiż-Żona Ekonomika Ewropea fuq il-bażi tal-Artikolu 115 tal-Ftehim. Barra minn hekk, in-Norveġja kkontribwiet permezz ta' Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż separat. Il-mekkaniżmi finanzjarji l-aktar reċenti skadew fit-30 ta' April 2021.<sup>1</sup>

Minħabba l-ħtieġa kontinwa biex jittaffew id-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fiż-Żona Ekonomika Ewropea, fl-20 ta' Mejju 2021, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Iżlanda, mal-Liechtenstein u man-Norveġja rigward ftehim dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji futuri li għandhom isiru mill-Istati taż-ŻEE-EFTA lejn it-titjib tal-koeżjoni ekonomika u soċjali fiż-Żona Ekonomika Ewropea.<sup>2</sup> In-negozjati formali nfetħu fis-16 ta' Ġunju 2022. B'mod parallel, iżda indipendentement min-negozjati dwar il-mekkaniżmi finanzjarji, infetħet reviżjoni tal-protokolli tal-kummerċ tal-ħut bejn l-UE u l-Iżlanda u bejn l-UE u n-Norveġja fuq il-bażi tal-klawsoli ta' reviżjoni tal-protokolli addizzjonali tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles mal-Iżlanda u n-Norveġja.<sup>3</sup>

In-negozjati ġew konklużi fil-livell tan-negozjaturi bl-inizjalar fit-30 ta' Novembru 2023 ta':

- il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028;
- il-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028;
- il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja; kif ukoll
- il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Iżlanda.

Il-proposta mehmūza tikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE, il-Ftehim tan-Norveġja, il-Protokoll tan-Norveġja u l-Protokoll tal-Iżlanda.

Il-Ftehim dwar il-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE u l-Ftehim tan-Norveġja flimkien se jipprovdu kontribuzzjoni finanzjarja tal-Istati taż-ŻEE-EFTA lill-koeżjoni ekonomika u soċjali fiż-ŻEE ta' EUR 3,268 biljun għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028. L-eżitu jirrifletti d-direttivi ta' negozjati li nħarġu mill-Kunsill, li talbu a) żieda fil-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati taż-ŻEE-EFTA; b) l-applikazzjoni tal-koeffiċjent tad-distribuzzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni tal-UE; c) l-allinjament tad-durata tal-mekkaniżmi finanzjarji ġodda mal-Istrumenti tal-politika ta' koeżjoni tal-UE (2021-2027); d) l-inklużjoni ta' objettivi ekoloġiċi fost il-prijoritajiet appoġġati; u e) proċessi ta' implimentazzjoni aktar effiċjenti għall-mekkaniżmi futuri.

B'mod parallel, ġew riveduti wkoll il-protokolli bilaterali tal-kummerċ tal-ħut mal-Iżlanda u n-Norveġja. Konċessjonijiet ġodda jingħataw għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028. Il-konċessjonijiet huma mibnija fuq il-protokolli preċedenti għall-perjodu 2014-2021 u huma proporzjonati mal-ammont tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji. Hija pprovduta flessibbiltà

<sup>1</sup> ĠU L 141, 28.05.2016, pp. 3 u 11.

<sup>2</sup> Id-Dokument 8365/21 ADD 1 tal-Kunsill.

<sup>3</sup> ĠU L 141, 28.05.2016, pp. 18 u 22.

rigward ir-riport ta' kwoti mhux eżawriti fi tmiem il-perjodu. In-Norveġja se ġġedded ukoll l-arranġament tat-tranżitu tal-ħut għall-bastimenti tal-UE li jħottu l-art qabdiet fin-Norveġja.

Il-Ftehimiet u l-Protokolli għandhom jiġu applikati b'mod proviżorju mid-dati stipulati fl-Artikoli tagħhom, sakemm jintemmu l-proċeduri rilevanti għar-ratifika jew il-konklużjoni u d-ħul fis-seħħ tagħhom.

Il-Kummissjoni qieset ir-riżultati tan-negozjati bħala sodisfaċenti u tipproponi li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni meħmuża dwar il-konklużjoni ta' Ftehim dwar il-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE, il-Ftehim tan-Norveġja, il-Protokoll tan-Norveġja u l-Protokoll tal-Iżlanda wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

Peress li hija prattika komuni meta jiġu modifikati elementi speċifiċi ta' ftehimiet internazzjonali eżistenti, huwa propost li jintużaw l-artikoli rilevanti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea bħala l-bażi legali għall-abbozzi tad-deċiżjonijiet, jiġifieri l-Artikolu 175 TFUE, it-tielet paragrafu għall-ftehimiet dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-koeżjoni ekonomika u soċjali u l-Artikolu 207 TFUE għall-protokolli tal-kummerċ tal-ħut. Barra minn hekk, l-Artikolu 218(6)(a) TFUE huwa msemmi bħala l-bażi legali għall-konklużjoni ta' dawn il-ftehimiet.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja u l-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Iżlanda**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 175, it-tielet subparagrafu, u l-Artikolu 207, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Għad hemm il-ħtieġa li jittaffew id-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fiż-Żona Ekonomika Ewropea, u għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti mekkaniżmu ġdid għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati taż-ŻEE-EFTA u mekkaniżmu finanzjarju Norveġiż ġdid.
- (2) Fl-20 ta' Mejju 2021, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Iżlanda, mal-Prinċipat tal-Liechtenstein u mar-Renju tan-Norveġja rigward ftehim dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji futuri tal-Istati taż-ŻEE-EFTA għall-koeżjoni ekonomika u soċjali fiż-Żona Ekonomika Ewropea.
- (3) Il-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE (Mejju 2021 – April 2028) u l-Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż (Mejju 2021 – April 2028) se jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fiż-Żona Ekonomika Ewropea u għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn l-Istati taż-ŻEE-EFTA u l-Istati Benefiċjarji.
- (4) Id-dispożizzjonijiet speċjali dwar l-importazzjonijiet fl-UE ta' ċertu ħut u prodotti tas-sajd li joriġinaw mill-Iżlanda u min-Norveġja, stabbiliti fil-Protokolli Addizzjonali tal-Ftehimiet rispettivi tagħhom ta' Kummerċ Ħieles mal-Komunità Ekonomika Ewropea, skadew fit-30 ta' April 2021 u ġew riveduti f'konformità mal-Artikolu 1 ta' dawn il-Protokolli.
- (5) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-

Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja u l-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Iżlanda ġew iffirmati fi Brussell fi (....). Dawn il-Ftehimiet u l-Protokolli jenħtieġ li jiġu approvati f'isem l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja u l-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Iżlanda huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-testi tal-Ftehimiet u l-Protokolli huma meħmuża ma' din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar il-persuna bis-setgħa li tiddepożita l-istrumenti ta' approvazzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea kif previst fl-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, l-Artikolu 11 tal-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, l-Artikolu 5 tal-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja u l-Artikolu 4 tal-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Iżlanda sabiex jiġi espress il-kunsens tal-Unjoni Ewropea li tintrabat bil-Ftehimiet u l-Protokolli.

#### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi ....<sup>4</sup>

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

---

<sup>4</sup> Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.